**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2018

Rikors Guramentat numru : 248/17 AL

**A B**
**I.D. 330865 (M) f'isimha proprio u**
**U B'DIGRIET TAL-11 TA' Jannar 2018 giet nominata bhala kuratrici ad litem ta' bintha l-minuri N D**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fl-14 ta' Dicembru tas-sena 2002, l-attrici welldet tifla bl-isem ta' N D, li ghadha minuri u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni tnejn – wiehed – zbarra – elfejn u tlieta (21/2003) hawn anness u markat **Dok A**.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici hija omm l-imsemmija minuri u fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom tal-missier’, il-konvenut C D gie registrat bhala missierha.

3. Illi r-rikorrenti A B u l-konvenut C D kienu zzewgu fis-6 ta’ Marzu tas-sena 1982 , skont certifikat taz-zwieg hawn anness u markat **Dok B.**

4. Illi fid-data tal-koncepiment tal-imsemmija minuri il-partijiet kienu ghaddejjin bil-proceduri tas-separazzjoni.

5. Illi minkejja li l-partijiet kienu jghixu taht l-istess saqaf, partikolarment fiz-zmien tal-koncepiment tal-imsemmija minuri, din ma hix il-wild naturali tal-konvenut C D u dan stante illi fl-istess zmien tal-koncepiment ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma’ certu wiehed G, li hlief ghal ismu, l-identita’ tieghu ma hix maghrufa.

6. Illi l-partijiet isseparaw peremezz ta’ att pubbliku in atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood datat 21 ta’ Lulju tas-sena 2003, u cioe’ ftit xhur wara t-twelid tal-imsemmija minuri. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qieghda tigi hawn annessa u markata **Dok C.**

7. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri gie dikjarat illi l-missier huwa l-konvenut C D, fil-fatt il-minuri giet koncepita fil-kors ta’ relazzjoni extra-maritali li r-rikorrenti kellha ma’ certu G, u dan skont kif jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u markat **Dok D**.

8. Illi hekk kif ir-rikorrenti harget tqila bil-minuri N, hija mill-ewwel gharrfet lill-konvenut illi huwa ma kienx il-missier, minkejja illi dan kien fatt maghruf ghaz-zewg partijiet stante illi kienu ilhom ma jkunu intimi flimkien ghal diversi xhur qabel il-koncepiment.

9. Illi peress illi s-sitt (6) xhur sabiex tigi istitwita l-kawza skont l-artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex il-minuri ma tibqax registrata fuq il-konvenut C D skadew,

gie ottenut digriet sabiex ir-rikorrenti tipprocedi b'kawza, liema digriet jinsab hawn anness u markat **Dok E**.

Talbet ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvediment opportuni li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-konvenut C D ma huwiex il-missier naturali tal-minuri N D.

**2.** Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikati tat-twelid tal-minuri N D (Att numru 21/2003) sabiex jigu kkancellati l-konnotati kollha tal-konvenut C D u minflok jigi dikjarat illi l-missier mhux maghruf, '*unknown father*'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 28)

1. Illi preliminarjament jinghad illi t-talba kif imputata mhix kompluta u dan stante li l-attrici naqset milli tipprocedi wkoll kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jkun parti integrali mill-proceduri odjerni;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-mertu, l-esponent jirrileva illi huwa ma jopponix ghat-talbiet ta' A B stante li effettivament hu mhux missier il-minuri N D;
3. Illi madanakollu l-esponent jopponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu, rat il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Rat illi l-attriċi kisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kif diversament presjeduta, sabiex ai termini tal-Artikolu 77(c) tal-Kodiċi Ċivili[1] tipproċedi bil-kawża odjerna in vista li ġiet intavolata ferm oltre s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija[2].

Rat l-affidavit[3] tal-**attriċi**, minn fejn jirriżultaw is-segwenti fatti:

1. L-attriċi żżewġet lill-konvenut C D, fil-Knisja Bażilika Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara, nhar is-6 ta' Marzu 1982;[4]

2. Minn dana ż-żwieġ twieldu erba' ulied, li l-iżgħar minnhom, tifla bl-isem ta' N, twieldet nhar l-14 ta' Diċembru 2002;[5]

3. Il-partijiet infirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, iddatat il-21 ta' Lulju 2003;[6]

4. Il-minuri N ġiet ikkonċepita u mwielda meta l-partijiet kienu għaddejin bil-proċeduri tas-separazzjoni personali u

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Kopja legali tad-digriet relattiv tinsab esebita fol. 12 et seq u l-atti tal-istess rikors jinsabu allegati mal-proċess odjern.

[3] Fol. 10 tal-proċess

[4] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit fol. 6

[5] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid esebit fol. 5

[6] Kopja tal-istess kuntratt hija esebita fol. 7

għalhekk l-attriċi mill-ewwel stqarret mal-konvenut li t-tarbija ma kinitx tiegħu;

5. Il-konvenut dana kien jafu in vista li huma kien ilhom ma jkunu intimi flimkien;

6. Il-minuri ġiet ikkonċepita għall-ħabta t'April 2002, meta l-attriċi kienet għaddejja minn żmien tassew ħażin. Hija ltaqgħet ma' wieħed li qalilha li jismu G u f'perjodu ta' ftit jiem kellha relazzjonijiet intimi miegħu darbtejn;

7. Wara ftit tal-ġranet, l-attriċi skopriet li kienet tqila. Meta ċemplet lil G biex infurmatu, dan qalilha li huwa ma ried ikollu xejn x'jaqsam mat-tarbija, u li ma kienx jaf kinitx verament wild tiegħu; Meta sussegwentement reġgħet pruvat iċċempillu, bdiet issib il-mowbajl mitfi, u kien anke biddel il-linja biex b'hekk hija ma tkunx tista' tikkuntattjah;

8. Tixhed li hija ma kienet taf xejn dwar dan ir-raġel, la kunjomu, la fejn jabita u lanqas jekk kienx ukoll miżżewweġ. Wara dawk id-darbtejn li kellhom x'jaqsmu flimkien, hija qatt ma reġgħet iltaqgħet miegħu;

9. Il-minuri qatt ma ltaqgħet ma' missierha naturali u lanqas qatt iltaqgħet mal-konvenut. Hija ma ssejjaħ lil ħadd bil-kelma missier. Billi qiegħda tikber, tistaqsi għalfejn iġġorr kunjom ta' raġel li qatt ma ltaqgħet miegħu f'ħajjitha u li fuq kollox m'huwiex missierha;

Ma ġie pprezentat **ebda rapport xjentifiku u ġenetiku** in sostenn tal-fatti allegati mill-attriċi.

Rat ukoll id-**dikjarazzjoni tal-istess minuri** fil-preżenza tal-Avukat tat-Tfal[7] Dottor Tanya B Catania, fejn hija stqarret li dakinhar kienet l-ewwel darba li hija ltaqgħet mal-konvenut C D. Dan il-fatt ġie kkonfermat mill-istess konvenut. Dana stqarr ukoll illi l-attriċi ħarġet tqila wara li telqet mid-dar matrimonjali, u li għalhekk huwa minn dejjem kien jaf li t-tarbija ma kinitx tiegħu. Huwa ma kellux ħjiel min seta' kien il-missier naturali tat-tarbija.

Il-minuri stqarret ukoll li hija ma kinitx taf min kien missierha naturali għaliex ommha dejjem qaltilha li dan kien ċertu G li kienet iltaqgħet miegħu biss xi darbtejn u li meta ommha informatu li kienet tqila, huwa ma riedx jaf biha u qatt m'għamel kuntatt magħha.

Il-minuri N qalet li ma jagħmilx sens li ġġorr il-kunjom "D" meta hija m'għandha l-ebda konnessjoni ma' C D. Semmiet ukoll il-fatt li meta hija jkollha bżonn xi dokumenti uffiċjali, ommha jkolla tottjeni l-firma tal-konvenut, li effettivament mhuwiex missierha u li qatt ma kellha relazzjoni miegħu. Hija m'għandhiex interess li tkun taf min hu missierha naturali ladarba huwa qatt m'għamel kuntatt magħha. Għalhekk tippreferi li minflok il-kunjom D tieħu l-kunjom ta' ommha xebba.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-**omm** għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-konvenut versu l-minuri N. L-attriċi tikkontendi li minkejja li l-minuri tnisslet u twieldet matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut, iżda minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili l-istess minuri ġiet imniżżla bħala bintu.  Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C D mhux il-missier

[7] Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2017, fol. 17 tal-Atti tar-rikors ġenerali 293/17RGM, allegat mal-proċess odjern.

naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri N u jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf".

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-**omm** ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-minuri ġiet imnissla fiż-żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lill-konvenut D, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi l-attriċi ma ressqitx it-talba tagħha fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija sabiex issodisfat ir-rekwiżit tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili illi jesiġi li azzjoni bħal din odjerna ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Illi nonostante illi l-attriċi kisbet l-awtorizazzjoni sabiex tipproċedi b'din il-kawża, l-istess awtorizazzjoni hija nulla u invalida in vista li l-liġi fil-każ t'azzjonijiet ta' denegata paternita` (b'differenza minn azzjonijiet ta' filjazzjoni) hija tassattiva li jridu jkunu intavolati fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, u ma tagħtix il-possibilita` illi l-omm tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tiġi intavolata azzjoni bħall-preżenti wara t-terminu tas-sitt xhur.

Dan il-kunċett legali ġie elaborat minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Nadine Falzon vs. Jalil Zaneldin[8] fejn ġie spjegat:

> "Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-**omm** ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-ulied ġew imnissla fiż-żwieġ, tikkwalifika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif ġustament eċċepixxa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, a tenur tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Difatti l-Artikolu 77Ċ jistipula
>
> *"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità*

[88] Rikors Ġuramentat 268/11AL, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016

*jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel”.*

*Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista’, wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f’kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta’ paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B.”*

Il-Qorti tirrileva, illi fin-nuqqas li l-kawża tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tista’ tinkiseb sabiex xorta waħda issir azzjoni ta’ filjazzjoni a tenur tal-Artikolu 77A u 77B  sabiex ikun dikjarat il-missier naturali tal-minuri.

Biss din l-awtorizzazzjoni ma tistax ugwalment tinkiseb għall-azzjonijiet ta’ denegata` paternita a tenur tal-Artikolu 77. Fit-tieni paragrafu tal-artikolu 77Ċ appena ċċitat, l-artikolu 77 m’huwiex imniżżel, sija fit-test Malti u wkoll fit-test Ingliż. Huma mniżżlin biss l-Artikoli 77A u 77B. Dana m’huwiex żball jew koinċidenza, għaliex sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ.

Għaldaqstant, anke jekk fil-każ odjern l-awtorizzazzjoni ma ġietx mitluba, lanqas setgħet tingħata, u l-azzjoni, ġjaladarba hija mressqa mill-omm, kellha ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-ulied. Dana ma seħħx fil-każ odjern, għaliex il-kawża ġiet intavolta wara għeluq is-sentejn tal-minuri Kaydon u għeluq il-ħames snin tal-minuri Andae.”

Iżda fil-preżenti, b'differenza mill-kawża appena ċċitata, l-azzjoni qiegħda tiġi ntavolata wkoll mill-minuri nnifisha, debitament rappreżentata mill-kuratriċi ommha. Illi kieku dan ma kienx il-każ, il-Qorti kienet tieqaf milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża u tiċħad it-talba attriċi, in vista tal-fatt li t-talba tal-omm hija, kif diġa ingħad, *fuori termine*.

Hija fehma tal-Qorti, illi l-wild għandu l-fakolta` illi dejjem u meta jrid iressaq provi illi jindikaw illi l-istat tiegħu m'huwiex konformi maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u għaldaqstant jitlob lill-Qorti sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa. Dana bis-saħħa tal-Artikoli 83 u 84 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipulaw:

***"83. Il-prova kuntrarja tista' ssir b'xiehda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-persuna illi hu jgħid li welditu, inkella, meta din hija pprovata, illi hu mhux bin il-parti l-oħra taż żwieġ.***

***84. M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu."***

Illi għalhekk m'hemm l-ebda impediment proċedurali għall-minuri sabiex tintavola l-kawża tagħha f'dan l-istadju u cioe qrib il-ħmistax-il sena mit-twelid tagħha.

In vista ta' dan, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-mertu tal-każ odjern u cioe jekk il-minuri hijiex effettivament bint il-konvenut C D jew le.

Fil-mertu, jirriżulta illi fil-każ odjern il-Qorti ma tistax isserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri hijiex il-bint il-konvenut D o meno.

Illi skont il-liġi,  m'humiex it-testijiet ġenetiċi biss li jservu bħala prova dwar il-paternita` tal-wild, għalkemm l-istess dejjem ġew ritenuti bħala l-prova reġina f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali. Tista' pero` tinġieb ukoll il-prova illi l-omm kienet wettqet adulterju fiż-żmien tal-konċepiment tal-

minuri. Illi għaldaqstant jirriżulta illi biex tirnexxi l-azzjoni tal-minuri, hija trid sodisfaċentement tipprova illi fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tagħha, ommha kellha relazzjoni extra-maritali;

Illi fil-każ odjern, l-omm mill-bidu stqarret mingħajr tlaqliq illi hija fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri, kellha darbtejn relazzjonijet intimi ma' ċertu G, filwaqt illi kien ilha żmien ma jkollha relazzjonijiet intimi ma' żewġha l-konvenut C D. Fl-istess perjodu tal-konċepiment tat-tarbija, il-partijiet kienu diġa għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali. Din id-dikjarazzjoni tal-attriċi għandha piż probatorju għoli ferm rikonoxxut anke mil-liġi, li fl-Artikolu 70(2) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

***"70 (2) Id-dikjarazzjoni tal-konjuġi li wiled fis-sens li l-konjuġi l-ieħor mhux il- ġenitur naturali tal-wild għandha tingħata konsiderazzjoni f'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-konjuġi l-ieħor minn ġenitur."***

Il-konvenut C D ukoll itenni mingħajr tlaqliq illi l-minuri N ma setgħetx kienet bintu. Illi huwa qatt ma kellu ebda involviment fil-ħajja tal-minuri u li qatt ma kien il-figura paterna tagħha.

L-istess minuri tirrikonoxxi illi l-konvenut m'huwiex missierha u effettivament iltaqgħet miegħu għall-ewwel darba meta ġew imsejħa mill-Avukat tat-Tfal għal-laqgħa li saret fl-4 t'Ottubru 2017. Hija stqarret mal-istess Avukat tat-Tfal li taf li missierha naturali huwa ċertu G, iżda dan ma riedx jaf biha u qatt m'għamel kuntatt magħha.

Illi, in vista tal-premess, minkejja n-nuqqas tal-provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti hija xorta waħda moralment konvinta li l-verżjoni tal-attriċi hija veritiera u li l-minuri N m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D. Il-minuri irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi li m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D u għaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-talba tagħha ma tiġix akkolta.

**<u>Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut</u>**

Illi l-konvenut, filwaqt illi fil-mertu jaqbel mat-talbiet attriċi, jeċċepixxi preliminarjament illi t-talba kif dedotta mhix kompluta u dana stante li l-attriċi naqset illi tipproċedi wkoll kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubblku li għandu jkun parti integrali mill-proċeduri odjerni.

Id-difensur tal-atturi huwa tal-fehma illi minkejja li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma jkunx imħarrek bħala konvenut f'dawn il-kawżi u kawżi oħra simili, huwa xorta waħda jirreġistra s-senetenza, ġjaladarba jiġi ordnat jagħmel hekk mill-Qorti.[9]

Dwar l-involviment tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'kawżi ta' paternita`, il-Qorti kellha l-okkażjoni li telabora diversi drabi fosthom fil-kawża rrapportata bl-okkju Marisa Risiott et vs Wayne Risiott[10] fejn il-Qorti rrilevat: *"Il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għall-fatt li f'din il-kawża, d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġiex kjamat fil-kawża jew kien parti mill-istess u dan stante li l-atturi jargumentaw li dan mhux neċessarju għall-validita` tal-kawża. Huma jargumentaw ukoll li f'każ li t-talba tagħhom tiġi milqugħa, allura d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun obbligat li jikkorreġi u jemenda ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri skond l-istess sentenza mingħajr ma jkun involut direttament fl-istess kawża... Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi mħarrek f'kawżi ta' paternita` pero` mill-qari tal-liġi jidher li dan mhux neċessarju. Għalhekk, il-kawża odjerna tista` tibqa għaddejja b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun għaddiet in ġudikat issir l-annotazzjoni neċessarja sabiex ikun hemm bdil fiċ-ċertifikat relattiv b'mod formali."*

Il-Qorti rreferiet għall-kawża fl-ismijiet <u>Dolores Bartolo vs. Simon Bartolo</u>[11], fejn din il-Qorti hekk kif diversament presjeduta aċċettat u laqgħat it-talbiet attriċi għal bdil fiċ-ċertifikat tat-twelid

---

[9] Verbal fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2018, fol. 30

[10] Rikors Ġuramentat 48/12AL, deċiż fil-31 ta' Jannar 2013.

[11] Irrapportata bħala <u>AB et vs. CB</u>, deċiża fit-22 ta' Frar 2012, (Rikors Ġuramentat: 284/2009NC)

mingħajr ma ġie kjamat in kawża jew imsejjaħ id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Irreferiet ukoll għall-kawża fl-ismijiet Adelaide Attard vs C Attard et[12], fejn għal darb' oħra, f'kawża ta' paternita`, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġiex kjamat fil-kawża u ma ġiex imħarrek sabiex jirrispondi għall-istess. Illi dana ma kienx t'impediment għas-suċċess tal-azzjoni.

Illi l-Qorti tibqa' tal-fehma illi l-involviment tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'kawżi ta' paternita` huwa prassi, iżda bl-ebda mod m'huwa tassattiv jew rekwiżit tal-liġi. Illi għalhekk in-nuqqas tiegħu bħala parti mill-kawża odjerna ma jnaqqas xejn mill-integrita` tal-ġudizzju u li l-istess Direttur minkejja n-nuqqas t'involviment dirett tiegħu fil-kawża, xorta waħda huwa tenut obbligat jesegwixxi l-ordnijiet tal-Qorti li sejrin jingħataw bil-preżenti.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1) Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut C D;

2) Tilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement

   a. Tiddikjara illi l-minuri N imwielda lill-attriċi nhar l-14 ta' Diċembru 2002, m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D;

   b. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-istess N, innumerat wieħed u għoxrin tas-sena elfejn u tlieta (21/2003) jikkanċella l-konnotati kollha tal-konvenut C D bħala l-missier u minflok jinserixxi il-kliem "missier mhux magħruf";

[12] Irraportata bħala A C pro. et noe. vs. P C u Y V, deċiża fit- 8 ta' Mejju 2012, (Rikors Ġuramentat: 298/2011NC)

Jikkanċella wkoll mill-konnotati tal-omm kwalsiasi referenza li jista' jkun hemm tal-omm bħala mart l-istess C D;

3) Tordna illi l-minuri tkun magħrufa bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi A B.